**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 15 ta' Jannar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 323/2018/2 JPG**
**Kawza Nru: 16**

**CM**
**Vs**
**BC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CM datat 7 ta' Dicembru 2018 (a fol 1 tal-atti) li wara gie dikjarat dak premess titlob:

1. *Illi minn zwieg bejn il-partijiet twieldu l-ulied M, illum maggorenni, F u K ahwa C;*
2. *Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet sfaxxa u permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri datat sittax (16) ta' Ottubru elfejn u sbatax (2017) (ara dok CMC1);*
3. *Illi permezz tal-istess kuntratt, il-partijiet qablu illi l-kura u kustodja tal-ulied, M li illum maggorenni, K u F ghandha tigi affidata f'idejn l-esponenti b'access liberu*

*favur il-konvenut;*

4. *Illi l-esponenti fethet proceduri ta' medjazzjoni sabiex jigi mwaqqaf l-access ghall-minuri K u F ahwa C u dan minhabba l-problemi serji li qed jigru waqt l-access, fosthom swat fuq il-minuri mill-konvenut;*
5. *Illi dan l-andament tal-access qed ikun ta' detriment serju ghal minuri u qed ibghatu minn ansjeta' kbira;*

1. *Illi sussegwentement l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'dil kawza mill-Qorti Civil (Sezzjoni Familja) permezz ta digriet datat 9 ta' Ottubru 2018 (ara Dok. B);*
2. *Illi l-fatti hawn dikkjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tissospendi u twaqqaf ghal kollox l-access tal-konvenut ghal minuri F u K ahwa C u dan ai termini tal-Artikolu 47 tal-Kap.16.*

2. *Tohrog Ordni ta' Protezzjoni a favur il-minuri F u K ahwa C ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kap 16.*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz tal-proceduri ta' medjazzjoni li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi d-digriet taghha tad-9 ta' Ottubru 2018 gie debitament notifikat skond il-ligi;

Rat in-nota mill-Agenzija Appogg rigward CM (a fol 38 et seqq.) datata 4 ta' Frar 2019;

Rat ir-risposta ta' BC datat 7 ta' Marzu 2019 (a fol 49 tal-atti) li wara gie dikjarat dak premess talab:

1. *Illi l-Artiklu 47 mhuwiex applikabbli stante l-partijiet bil-kuntratt tas-separazzjoni*

*diga stabbilew li l-kura u kustodja tal-minuri K u F ahwa C tkun fdata lill-omm;*

2. *It-talba ghas-sospensjoni tal-access tiddependi minn prova ta' vjolenza domestika u f'dan il-kas peress li l-vjolenza domestika hija reat, il-kompetenza biex jigi stabbilit dan il-fatt, huwa tal-Qrati ta' Gurizdizzjoni Kriminali u mhux tal-Qorti Civili.*
3. *Illi l-hurg ta' Ordni ta' Protezzjoni tal-minuri mhuwiex applikabbli f'dan il-kas.*
4. *Illi ghalkemm qed jigi allegat li saret il-procedura tal-medjazzjoni filfatt wara is-separazzjoni sal-lum meta saret taparsi medjazzjoni mill-attrici, qatt ma resqet madwar mejda kif titlob il-procedura u dan skont il-Ligi jrid jittiehed in konsiderazzjoni salvi eccezzjonijiet ohra.*

Semghat ix-xiehda bil-gurament;

Rat in-nota ta' Dr Valentina Lattughi datata 11 ta' Awwissu 2020 fejn il-Qorti assumiet il-Patrocinju ta' l-intimat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet intavolata mill-attrici nhar l-14 ta' Marzu 2024 (fol. 261 et seq.), u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat li giet intavolata nhar it-2 t'April 2024 (fol. 282 et seq.);

**Konsiderazzjonijiet:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti ghandha quddiemha kawża fejn l-attrici qieghda titlob li l-access tal-intimat missier jigi sospiz u mwaqqaf u li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni favur il-minuri. L-intimat minn naha l-ohra jichad kategorikament li qatt kien vjolenti ma' uliedu izda ghazel illi ma jezercitax access taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appoġġ fil-mori tal-proceduri.

Din il-Qorti rat illi waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju 2019, hija nominat lil Psikologika tat-Tfal, Carly Aquilina, sabiex iżomm sessjonijiet mat-tfal jew min minnhom bil-ghan li jkun hemm avvicinament mal-missier. L-istess psikologa xehdet waqt is-seduta tal-21

t'Ottubru 2019[1]

Rat ir-rikors tal-intimat tat-3 ta' Settembru 2020 li permezz tieghu talab varjazzjoni fid-digriet ta' din il-Qorti li permezz tieghu kienet issospendiet l-access sabiex l-istess intimat ikun jista' jerga' jezercita access skont il-kuntratt ta' separazzjoni. Rat ir-risposta tal-attrici, kif ukoll id-digriet sussegwenti ta' din il-Qorti li permezz tieghu cahdet it-talba tal-intimat fin-nuqqas ta' rapport ulterjuri tal-psikologa tat-tfal, Dr Carly Aquilina.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-intimat tas-16 ta' Marzu 2021 li permezz tieghu ressaq diversi talbiet dwar modalitajiet differenti ta' access sabiex l-access tieghu ghall-uliedu l-minuri jkun jista' jerga' jibda f'xi wahda mill-modalitajiet imsemmija. Rat ir-risposta tal-attrici tal-4 ta' Mejju 2021 li biha l-attrici opponiet ghat-talbiet tal-intimat minhabba x-xhieda moghtija mill-professjonisti fil-mori tal-proceduri fuq il-hsara li l-access kien qed johloq fil-hajja tal-minuri, tikkontesta l-validita' tal-*parental alienation syndrome* u li l-minuri jkunu esposti ghal professjonist iehor / ohra. Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Mejju 2021 li permezz tieghu cahdet it-talbiet tal-attur in vista tax-xhieda nkwetanti li nghataw mill-minuri *in camera* u sakemm ma tkunx accertata li qed isir progress mat-terapista.

Din il-Qorti regghet rati r-rikors tal-intimat datat 9 ta' Novembru 2021 (fol. 164) li fih jaghmel referenza ghas-sentenza tat-Tribunal Ekklezzjastiku fuq iz-zwieg tal-partijiet liema sentenza sabet dikjarazzjonijiet tal-attrici bhala mhux sostanzjati u b'tali referenzi jargumenta illi dan ghandu juri b'mod car l-intenzjoni tal-attrici li tkisser ir-relazzjoni tieghu ma' ulied il-partijiet. Rat it-talbiet tal-intimat sabiex jigi mahtur espert psikologu, li jinghata xi forma ta' access kif ukoll li jinghata nformazzjoni dwar uliedu. Rat ir-risposta tal-attrici li fiha oggezzjonat ghat-talbiet tal-intimat stante li ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi li jimmeritaw revoka jew bidla fid-digriet tal-Qorti. Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 21 ta' Jannar 2022 li permezz tieghu din il-Qorti laqghet limitatament l-ewwel talba tal-intimat billi hatret lil Psikologa tat-Tfal Dr Elaine Grech sabiex tipprovdi terapija lill-minuri.

[1] Vide fol. 58 et seq. Hi xehdet fuq kif l-ulied il-minuri ghaddew minn *complex PTSD* u li f'dak il-perjodu ma kienux lesti sabiex jkollhom access ma' missierhom. Huma zvelaw diversi fatturi ghalfejn kienu jhossuhom hekk u kien aghar ghalihom meta ommhom kienet tisfuzahom imorru ghand il-missier.

Din il-Qorti regghet rati r-rikors tal-attrici tal-1 ta' Frar 2022 li permezz tieghu talbet li l-esperta tal-Qorti tikkonstata mal-psikjatra tal-minuri u li ghandha tkun il-minuri KC li tiddeciedi jekk tridx terapija stante l-eta' li kienet lehqet dak iz-zmien. Regghet rat id-digriet ta' din il-Qorti li permezz tieghu cahdet it-talbiet stante li Dr Elaine Grech ma kienetx f'pozizzjoni li tiehu l-inkarigu lilha moghti.

Din il-Qorti regghet rat in-nota pprezentata mill-attrici nhar it-18 ta' Mejju 2022 li permezz taghha ddikjarat illi l-minuri F kienet qed tattendi ghal sessjonijiet mal-psikologa Dr Carly Aquilina u li f'dak il-perjodu kienet attendiet hames (5) sessjonijiet. Il-minuri KC kienet attendiet sessjoni wahda fis-17 ta'Jannar 2022.

Din il-Qorti regghet rat illi waqt is-seduta tat-30 ta' Marzu 2023 appuntat lil Dr Peter Muscat sabiex jezamina jekk hux ta' hsara ghall-minuri illi jkun hemm kuntatt mal-missier u dan wara li jaghmel kuntatt mal-professjonisti l-ohra li qed isegwu lill-minuri. Dr Peter Muscat intavola rapport nhar it-30 ta' Ottubru 2023 (fol. 249A). Dr Muscat wettaq assessjar fuq il-wild iz-zghira tal-partijiet stante li t-tnejn l-ohra kienu lahqu l-eta' maggorenni. Il-minuri zvelat episodji ta' vjolenza li tiftakar hi li wettaq l-intimat fil-konfront ta' ommhom kif ukoll ta' hutha. Tiftakar illi wara s-separazzjoni tal-partijiet, l-attrici kienet tlestihom sabiex imorru ma' missierhom imma hi F, kienet tibki u twerzaq biex ma tmurx mieghu. Tiftakar lill-intimat ikun vjolenti mal-annimali li kellhom. Hadd mhu ser jikkonvinciha sabiex ikollha kuntatt ma' missierha. Ma tiftakarx li hassitha mahbubha minn missierha imma tiftakar biss il-manipulazzjoni tieghu. Dr Muscat ikkonkluda li l-imsemmija minuri tbati minn *PTSD* u ghalhekk kwalunkwe inkontru mal-missier ser ikun ta' detriment ghall-minuri.

2. **Il-Verzjoni tal-Partijiet:**

*Il-Verzjoni tal-Attrici u l-Provi Mressqa Minnha:*

L-attrici xehdet quddiem din il-Qorti fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Frar 2019 fejn qalet illi hi kienet ghamlet minn kollox biex taghlaq il-process ta' separazzjoni b'kuntratt u dan ghaliex l-iskop taghha dak iz-zmien kienet li tohrog mis-sitwazzjoni ta' abbuz li kienu ilhom fiha hi u ulied il-partijiet. Xehdet kif kien proprju wara s-separazzjoni li l-minuri bdew jizvelaw fatti preokkupanti li ma kienetx taf bihom qabel. Aparti minn hekk, il-

minuri bdew jaghtuha hafna kedded biex imorru ghall-access bhal li jintelqu fl-art jew fuq is-sodda. Minhabba din r-riluttanza li kellhom ghall-access, kienet issuggeriet li l-minuri jibdew jigu segwiti minn professjonisti izda l-intimat ghamel snin shah ma jaccettax li jghin lill-uliedu b'dan il-mod.

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit li gie debitament mahluf nhar is-17 ta' Dicembru 2020 (fol. 94). Permezz ta' dan l-affidavit, l-attrici xehdet illi minn mindu waqaf l-access mal-missier, it-tfal il-minuri kkalmaw, m'ghadx ikollhom holm ikrah u qed jiffukaw aktar fuq l-iskola. Xehdet kif it-terapija ghenithom hafna anke sabiex jgharfu li mhux kull messagg minghand missierhom jista' jkun ta' hsara. Tichad li hi kkawzat hsara bejn it-tfal u l-missier izda li kien il-missier stess li holoq terrur fit-tfal ghalhekk talbet li x-xewqat tat-tfal jigu rispettati.

L-attrici xehdet in kontroezami waqt is-seduta mizmuma minn din il-Qorti nhar l-20 ta' Gunju 2022. Dwar l-allegat abbuz, hija tispjega li dan kien li **kien "ikahhalha mal-hajt", kien waddabha t-tarag meta kienet ghadha tqila u kien anke sakkarha d-dar meta kienet waslet biex tixtri.** Kien hemm darba ohra li kien taha daqqa b'cavetta u lit-tfal kien qalilhom li kien hassha hazin. Tghid illi meta giet biex twelled lill-ewwel wild taghhom, **lanqas ried jehodha l-isptar ghax kien hemm il-Gran Prix**. Kien anke jsawwat lit-tfal. Tghid illi kienet tibza' tirraporta peress li riedet tibqa' tghix taht l-istess saqaf. Sostniet illi meta kienet issiefer kienet tiehu lill-ewwel wild taghhom maghha. It-tnejn iz-zghar kienu jkunu mal-intimat b'hafna ghajnuna tal-genituri taghha. Iddikjarat illi ezempju tal-kontroll estrem tal-intimat fuq it-tfal, kien **li jhallihom fid-dlam** li affettwathom hazin ferm. Tghid illi l-wild iz-zghira ghadha tqum bil-lejl ghax tohlom bid-demm itir, anke kien hemm darba li l-intimat mar l-iskola u t-tifla spiccat twerwret u cemplu lill-attrici biex tmur ghaliha. Tispjega li lill-intimat ma tinformah b'xejn ghax il-minuri ma jridux u staqsewha ghal-lealta' taghha.

Sabiex tikkorroborra l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:

1) _*Il-haddiema socjali Mireille Zammit, in rapprezentanza tas-servizz tal-Vjolenza Domestika fi hdan l-Agenzija Appogg,*_ ipprezentat ukoll rapport li jinsab ezebit in atti a fol. 38 fejn spjegat illi l-attrici kienet resqet lejn is-servizz f'April 2017 u kienet tat rendikont illi l-intimat kien ilu vjolenti maghhom matul iz-zwieg kollu. Huwa kien

izomm kontroll assolut tal-flus li kien ikollhom bhala kopja. Isemmi li kien hemm incidenti ta' abbuz fiziku fuq l-attrici sa minn meta kienet ghadha tqila. Kienu qablu li jisseparaw meta bint il-partijiet kienet baghtet messaggi lill-attrici waqt li kienet imsiefra li l-intimat kellu relazzjoni extra-maritali. Tghid li wara li bdew il-proceduri ta' separazzjoni, l-abbuz u l-imgieba possessiva da parti tal-intimat zdiedu izda hija qatt ma ghamlet rapporti mal-Pulizija sforz il-bizgha. Lill-attrici kien gie offrut is-servizz li tmur tirrisjedi gewwa *shelter* izda kienet irrifjutat li titlaq mid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied. Ix-xhud baqghet isegwi lill-attrici u lill-minuri fil-mori tal-proceduri tas-separazzjoni fejn kienet tigi nfurmatha meta kien jinqala' xi incident bejn il-konvenut u ulied il-partijiet. Kien hemm incident fejn kienu marru jigbru xi affarijiet mid-dar matrimonjali u nqala' dizgwid bejn l-intimat u l-bint l-kbira tal-partijiet tant li kien taha daqqa ta' harta. **Il-psikjatra li kien isegwi l-istess minuri kien irrilaxxa certifikat li l-minuri ma kellhiex tibqa' tiltaqa' ma' missierha minhabba l-impatt li l-access kien qed ikollu fuq is-sahha mentali tal-bint.** Ulied il-partijiet kienu zvelaw mal-attrici omm illi waqt l-access il-missier kien ikun fizikament abbusiv maghhom **bhal meta kien qabad lil wahda minnhom minn ghonqha**. Il-bint il-kbira tal-partijiet **kienet anke zvelat abbuz sesswali mill-missier fuqha liema abbuz kien hareg waqt sessjoni ta' terapija**.

**2)** ***Dr Jean Pierre Giorgio, psikjatra*** *li jsegwi lill-minuri l-kbira tal-partijiet,* (a fol. 44), xehed illi kien ilu jsegwi lill-minuri minn Awwissu 2015 minhabba dipressjoni. Eventwalment bdew hergin il-problemi li kienu kkawzaw dan l-istat. Is-separazzjoni tal-genituri taghha fixklitha lill-minuri izda wara din is-separazzjoni, hija bdiet thoss li l-access mal-missier kien igielgha thossha aghar. Il-minuri kienet diga fuq trattament ghad-dipressjoni izda x-xhud beda jara li bl-access kienet qieghda tmur ghall-aghar ghalhekk kien ghamel rakkomandazzjoni li ghal dak iz-zmien, il-kuntatt mal-missier kellu jonqos minhabba s-sahha mentali tal-minuri. Ix-xhud kien gie nfurmat illi l-minuri kienet tmur ghand missierha kontra qalbha ghaliex kien hemm problemi bhal li ma kienx jitmaghhom bizzejjed. Il-minuri inghatat medicina kontra d-dipressjoni, medicina kontra espisodji psikotici u medicina li kellha tittiehed biss f'mumenti aktar difficli bhala salvatagg t'urgenza. Ix-xhud semma' li l-minuri kienet **zvelat mieghu ricentement illi l-missier kien jidhol fuqha fil-kamra tal-banju u jaraha gharwiena, kien anke gieli missha izda qatt ma kien hemm attivita' sesswali ulterjuri bejniethom.**

3) **Dr Beppe Micallef Trigona**, psikjatra kuranti tal-minuri F(a fol. 209), xehed li beda jsegwi lill-minuri F wara li kienet maret ghandu flimkien mal-attrici. Il-minuri kienet qaltlu li ma riditx tara lill-missierha u kienet tidher li ghandha hafna rabja fil-konfront tal-missier. Ix-xhud wasal ghal dijanjosi ta' dipressjoni u ansjeta' u dan minhabba s-separazzjoni tal-genituri taghha u l-ambjent li kienet fih l-iskola. Ix-xhud specifika illi l-minuri kienet tidher qed tifhem ghalfejn waslet ghad-decizjoni li ma tridx tara aktar lill-missierha u ma kienx kaz li kellha tigi sfurzatha. Il-minuri kienet spjegatlu li r-rabja kienet minhabba aggressivita li missierha kellu fil-konfront taghha u ta' ommha izda imbaghad ma kienetx tkun trid tidhol aktar fid-dettall.

4) Il-psikologa Dr Carly Aquilina, illi giet nominata minn din il-Qorti sabiex tezamina lill-ulied minuri tal-partijiet u tipprova tahdem maghhom favur avvicinament mal-missier, xehdet sabiex taghti aggornat dwar il-hidma taghha mal-minuri fejn spjegat illi kienet zammet sessjonijiet mal-minuri KC li dak iz-zmien kienet sejra pjuttost tajjeb izda kienet certa li ma tridx tiltaqa' ma' missierha. Fir-rigward ta' FC, Dr Carly Aquilina xehdet in kontroezami, illi hi kienet qed tahdem mal-minuri sabiex ihossuhom ahjar u mhux specifikament biex jersqu lejn missierhom. Kemm-il darba kienet staqsiet lill-minuri fuq kif thossha dwar missierha u kien car ghaliha li l-minuri ma riditx terga' tqanqal it-trawma li kienet ghaddiet minnha. Tghid illi minkejja li l-minuri rraportaw problemi ta' dinamika bejn il-genituri, mir-rakkonti taghhom hareg illi l-missier kien pjuttost abbuziv u kontrollanti filwaqt li l-omm kienet tappoggja aktar lill-ulied. Il-minuri kienu zvelaw illi meta kienu jkunu mal-missier, kien ihallihom tmiem il-gimgha minghajr ikel. Ix-xhud stqarret illi r-reazzjonijiet taghhom huma konsistenti ma' trawma u ghalhekk huma kredibbli. **Mistoqsija jekk pruvatx tfiehem lill-minuri illi mhux kull attivita' ghandha tkun iffukatha fuqhom, ix-xhud tghid illi jekk l-attivita' li ma ridux huma, ma kienetx adattata ghalihom, bhal li l-missier jara films indirizzati ghall-adulti, ma setghetx taghmel dak l-argument maghhom.** Mistoqsija fuq possibilita' ta' ***parental alienation***, ix-xhud tghid illi hi m'ghamlitx assessjar direttament fuq hekk izda rat elementi ta' dipressjoni, trawma u ansjeta' li lilha gew ikkomunikati bhala li kienu kkawzati mir-relazzjoni li kellhom mal-missier u mill-abbuz, anke fiziku, li kien jezercita fuqhom. Ghalhekk Dr Aquilina eskludiet il-possibilita' tal-*parental alienation.* Dwar in-nanniet paterni, ma tiftakarx li kien hemm oggezzjoni espressa fil-konfront taghhom izda thoss li tkun

sitwazzjoni kkumplikata ghall-ulied li ma jridux jiltaqghu mal-missier izda imbaghad jiltaqghu mal-genituri tieghu.

***Il-Verzjoni tal-Intimat u l-Provi Mresqa Minnu:***

L-intimat xehed f'dawn il-proceduri permezz ta' affidavit li gie debitament mahluf nhar id-9 ta' Dicembru 2020 (fol. 84 et seq.). L-intimat jichad li qatt kien vjolenti u, jew abbusiz ma' uliedu jew ma' martu. Jghid illi l-wild il-kbira tal-partijiet kellha relazzjoni tajba ferm mieghu tant li meta kienet ghaddejja minn perjodu difficli fejn kienet qed tiskopri l-orjentazzjoni sesswali taghha, kienet fethet qalbha mieghu u hu kien weghedha li ser jaghmel minn kollox sabiex jappoggjaha. Jghid illi meta sar r-rapport dwar l-allegat abbuz fuq it-tifla l-minuri z-zghira tal-partijiet, ulied il-partijiet kienu ghandu ghall-access izda kienu qattghu hafna hin fuq il-mobile jibghatu l-messaggi lill-ommhom. Jispjega li hu ha hsieb lill-genituri tal-attrici li kienu jghixu maghhom fl-ahhar ta' hajjithom u li ghalhekk kieku kien hemm xi tip ta' abbuz, anke huma stess kienu jirraportaw. Oltre minn hekk, il-partijiet kienu approvati bhala ***foster carers*** u kienu jiehdu fil-kura taghhom fi tmiem il-gimgha minuri li kien jirrisjedi f'residenza ghat-tfal f'kura alternattiva. Dan il-fatt ukoll ghandu jxejjen l-allegazzjoni li hu bniedem vjolenti u abbuziv. L-intimat jispejga illi kienu raw episodji koroh wisq gewwa l-bini tal-Agenzija Appogg hu u t-tfal meta kienu jiehdu lill-minuri l-iehor ghal vizta hemmhekk biex jghaddi lill-uliedu mill-istess. Kien ghalhekk li m'accettax li jara lill-uliedu taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg. Fl-istess hin hu qatt ma basar li l-proceduri kienu ser jitwalu daqshekk u li kien ser jaghmel dan iz-zmien kollu ma jarax lill-uliedu. Jemmen li issa saret hsara irreparabbli lir-relazzjoni ma' uliedu.

L-intimat xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2021 (fol. 171). Xehed illi l-kontendenti kienu zzewgu wara sentejn li bdew johorgu flimkien u kellhom zwieg hieni. Il-problemi skont hu bdew wara l-mewt tal-genituri tal-attrici li mietu fid-dar taghhom wara li kien ha hsiebhom fl-ahhar jiem ta' hajjithom. Skont hu, il-problemi inqalghu ghaliex l-attrici bdiet tippreferi jkollha komunikazzjoni ma' habib taghom, Fr Brian milli mieghu izda z-zwieg spicca definitivament meta akkuzatu li kellu relazzjoni ma' mara ohra. Jghid li verament kien habib ma' mara ohra ghaliex kien ihossu wahdu izda jichad li kien hemm relazzjoni bejniethom. Wara li ssepara, bdew il-problemi fuq it-tfal. **Habta u sabta waqaf ikelmu t-tifel il-kbir li kien twieled bhala tifla.** Wara li waqaf l-access ghaz-zewg minuri ulied il-partijiet, l-attrici lanqas baqghet izommu

aggornat. La jaf jekk tan-nofs ghamlitx il-Grizma u fejn, lanqas jaf kif marret iz-zghira fl-ezamijiet tal-*benchmark*. Jghid illi dan l-attegjament ikkagunalu sofferenza kbira, wara li hu kien iddedikat lejn it-trobbija ta' wliedu, tant li kien jaghmel perjodi fit-tul irabbihom wahdu ghaliex l-attrici kienu tkun imsiefra ghal xhur shah jew biex tistudja l-A jew biex taghmel il-volontarjat gewwa l-P. Jghid illi kien hemm akkuzi kriminali fil-konfront tieghu dwar l-allegazzjonijiet li ghamel il-wild il-kbir fil-konfront tieghu izda li hu gie liberat minnhom. Jghid illi mhux jinghata nformazzjoni dwar l-edukazzjoni tat-tfal ghaliex fil-kuntratt ta' separazzjoni hu kien accetta li l-omm ikollha kura u kustodja esklussiva. Dan anke minhabba l-fatt li dak iz-zmien l-attrici kienet isemmi li riedet titlaq minn Malta bit-tfal.

L-intimat xehed (a fol. 217) sabiex ezebixxa kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li nghatat nhar it-18 t'Ottubru 2021 (fol. 219). Permezz ta' din is-sentenza l-intimat gie liberat mill-imputazzjonijiet li gew imressqa kontra tieghu u cjoe li kien hebb ghall-minuri KC u kkawzalha offiza ta' natura hafifa. **Din is-sentenza nghatat wara li l-*parte civile* naqsu milli jidhru ghas-seduti u jaghtu l-verzjoni taghhom ghal aktar minn tlett (3) snin.** Jghid illi hu minn dejjem sostna l-innocenza tieghu izda l-Pulizija ghadu fuq certifikat mediku li gie rilaxxat minn tabiba habiba tal-attrici li kienet tghinha fil-missjoni. Jghid li lanqas qieghed jigi nfurmat meta l-attrici ssiefer bil-minuri u sar jaf b'safra li ghamlet ghaliex terza persuna semmiet mieghu li kienet iltaqghet mal-attrici barra minn Malta. Jghid li anke kellu jbiegh id-dar ghaliex ma felahx jibqa' f'post li kull hin u mument ifakkru fit-tfal li ilu aktar minn erba' snin ma jara.

Sabiex jikkorroborra l-verzjoni tieghu, l-intimat ressaq is-segwenti provi:

1) Emanuel Galea, fl-irwol tieghu ta' haddiem socjali mad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Zghazagh), (vide fol. 127) spjega illi hu kien isegwi minuri li kien jirrisjedi f'residenza alternattiva taht il-kura tal-istat u bejn Gunju 2014 u Marzu 2017 kien iqatta' xi *weekends* mal-familja C. Dan il-kuntatt ma kienx regolari izda skont il-bzonn ghaliex kien servizz ta' *respite*. Madanakollu, meta kien ikun hemm dan il-kuntatt qatt ma kien hemm ilmenti fuq is-servizz jew l-ambjent. Sabiex setghu joffru dan is-servizz, il-kopja C kienu gew assessjati minn servizz differenti.

2) Stephen Camilleri, fl-irwol tieghu ta' Ufficjal Edukattiv (vide fol. 131). Xehed illi kien kollega tal-intimat fl-istess ufficju u kien hemm okkazzjoni fejn l-intimat kien ha lill-minuri mieghu fl-ufficju wara li jkun gabarhom mill-iskola ghaliex l-attrici kienet tkun imsiefra. Minn dak li ra hu, ix-xhud jghid li l-minuri kienu jidhru kuntenti u ma kienx hemm thassib.

3) Albert Azzopardi, habib tal-partijiet (vide fol. 198A) xehed li sar jaf lill-intimat tramite l-mara tieghu li kienet tahdem fl-istess sala mal-attrici. Jghid illi kull meta mar ghandhom, dejjem sabu jmid idejh fid-dar jew prezenti mat-tfal. Lit-tfal dejjem rahom fil-prezenza tal-partijiet u qatt ma kien hemm xi tip ta' zvelar izda ghadda hafna zmien minn meta kienu jiltaqghu.

4) Etienne Farrell, Assistent Kap tal-Iskola fejn kienu jattendu ulied il-partijiet, xehdet (fol. 198E) li kienet ilha taf lill-intimat minn meta kienu adoloxxenti u wara kienet Assistent Kap fl-iskola fejn kienu jattendu ulied il-partijiet. Kienet tammira l-fatt li l-intimat kien dejjem intiz fuq l-affarijiet kollha fejn kienu jidhlu l-minuri bhal kif kienu sejrin f'kull suggett, minn kienu hbiebhom u jekk kienux kielu. Kienet anke fdatlu t-tifla taghha biex hadha mieghu u mat-tfal tal-partijiet ghal kuncert. Pero hadd mill-partijiet ma tkellem maghha dwar problemi familjari li setgha kellhom.

5) JC, omm l-intimat, (vide fol. 213) xehdet illi kienet dejjem lest li tghin lill-partijiet fit-trobbija tal-ulied tant li kienet irrezenjat mix-xoghol sabiex tkun tista' tiehu hi lill-minuri l-iskola filghodu. Ghadhom jahsbu fil-minuri u jwarbulhom ir-rigali taghhom minkejja li dak iz-zmien kienu ilhom 'il fuq minn tlett snin u nofs ma jarawhom. Waqt ikla tal-Grizma ta' KC, il-partijiet kienu diga sseparaw izda l-ulied kienu ferhu bil-prezenza tan-nanniet tant li kienu ghadu bilqieghda hdejhom. Kienu jghinu fil-kura tal-genituri tal-attrici kif ukoll f'attivitajiet ta' gbir ta' fondi li kien jorganizza Fr.B ghall-missjoni. Kienu jorganizzaw festini zghar bejniethom biex jiffestigjaw gheluq snin il-minuri, ikliet biex jiccelebraw il-festi tal-irhula, Kienu jwasslu u jigbru lill-minuri M mill-privat. Kienu anke ghinuhom finanzjarjament peress li l-attrici kienet waqfet mix-xoghol biex tistudja u anke biex tmur il-missjoni. L-istess kienu jaghmlu mat-tfal *f'kura alternattiva*. Ix-xhud tittama li xi darba terga' tara u tghannaq lin-neputijiet taghha u talbet biex hi bhala nanna tkun tista' tara lin-neputijiet taghha.

6) FCC, missier l-intimat, (vide fol. 215) xehed illi kellu rapport eccellenti man-

neputijiet tieghu tant li kienu jaghmlu l-presepji flimkien, jorqdu u jieklu ghandhom. Kien ikun hemm hafna okkazjonijiet li kienu jiccelebraw flimkien u dejjem raw kif jaghmlu biex jikkuntentaw lill-minuri inkluz fl-ikel. Kienu anke jghinu fil-kura tal-genituri tal-attrici bhal meta hadu hsieb lill-ommha biex l-intimat ha lill-missierha l-isptar ghaliex l-attrici kellha ezami. Wara li giet nieqsa omm l-attrici, kienu jmorru aktar ta' spiss ghand il-partijiet sabiex izomm kumpanija lill-missier l-attrici. Meta missier l-attrici qorob lejn l-ahhar ta' hajtu, kienu jmorru kull hin tal-lejl jew tal-gurnata biex jiehdu hsieb lit-tfal skont il-bzonn. Finanzjarjament kien jara kif jghinhom anke billi jaghmel manutenzjoni fid-dar minghajr hlas. Jghid li ma jifhimx kif l-intimat ma thallix ikollu access taht is-supervizjoni taghhom ghaliex meta kien jahdem bhala haddiem socjali kienet jassessjaw kull tip ta' allegazzjoni. Kienu jiehdu hsieb anke lit-tfal *fostered* tant li kienu jghajtulhom bhala nanna u nannu. Jixtieq li jkollu l-okkazzjoni li jerga' jara lin-neputijiet u jqatta' hin ta' kwalita' maghhom.

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward tal-access mal-minuri, il-Qorti tqis illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***
>
> ***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***
> ***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-kazijiet li jitressqu għad-deċizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċizjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi ġie rilevat mill-Qrati illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex tagħmilha cara li, fejn jidħlu minuri, m'hemmx dritt għall-access, izda obbligu tal-ġenituri li t-tnejn jikkontribwixxu għall-izvilupp tal-minuri li, għal dan il-għan, jeħtiġilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jiġi fdat bil-kura tal-minuri u kif jiġi provdut l-access, jiddependi mill-ħtiġijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-ġenituri…Huma l-ġenituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-ġenituri tagħha bl-anqas disturb possibbli.***[2]

Illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lill ommhom u kif ukoll lill-missierhom, u **m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi ta' rakkomandazzjoni professjonali.** Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet ***Romina Spagnol vs Thomas Spagnol***[3] ingħad kif isegwi:

> ***Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-access huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-access għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' access huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinżamm tali access. Il-Qorti tiribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li***

[2] Vide decisjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, diversament presjeduta, nhar is-27 t'Ottubru 2021 (Rikors Ġur Nru 202/2014), mhux appellata.

> ***tisfratta l-possibilita' li genitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm ragunijiet validi u legittimi, u dan f'gieh l-interess suprem tal-minuri.***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti bhala Qorti tal-Familja ghandha d-dover illi thares l-interess suprem tal-minuri f'kull decisjoni li hija tiehu. Illi filfatt, il-principju primarju, f'decizjonijiet illi jaffettwaw lill-minuri huwa dejjem dak tal-aqwa vantagg u harsien tal-minuri, kif sosnut fil-gurisprudenza nostrana. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Civili fis-sentenza fl-ismijiet: ***Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro et noe*** deciza nhar is- 27 t'Ottubru 1995:

> ***Fl-ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta'x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata.***

Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghall-oggezzjoni mresqa mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar il-fatt li l-attrici annettiet dokumenti man-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Huwa minnu illi f'dan l-istadju, kellhom jitressqu biss sottomissjonijiet ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti u mhux provi dokumentarji ghalhekk il-Qorti tordna l-isfilz tad-dokumenti annessi man-nota tal-attrici u ser tikkunsidra biss il-kontenut tan-nota ta' sottomissjonijiet.

Fir-rigward tal-meritu tal-proceduri, din il-Qorti tibda billi tirrimarka illi l-intimat missier baqa' sal-ahhar, u cjoe, san-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jipponta subghajh lejn l-attrici u jghid illi s-sitwazzjoni prezenti bejnu u bejn uliedu hija biss frott ta' sforzi ta' *parental alienation* da parti tal-attrici. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din it-tezi tal-intimat stante illi l-ulied baqghu dejjem konsistenti f'dak li stqarrew mal-Qorti kif ukoll mal-professjonisti li hadmu maghhom. F'kazijiet ta' *parental alienation*, in-narrativa tal-ulied tigi ntrodotta mill-genitur u ghalhekk tkun monka mill-kompletezza. Meta l-minuri jsirulhom mistoqsijiet li ma jkunux koperti min-narrattiva tal-genitur, l-ulied jehlu, jinghalqu jew jirrepetu l-istess narrativa li tkun intqalghet lilhom. Dan mhux il-kaz fis-

sitwazzjoni prezenti fejn kienu l-ulied stess li fornu lill-professjonisti b’ezempji ta’ x’kien ikkawza l-ansjeta’ u t-trawma taghhom. Din il-Qorti tqis li fuq naha ghandha narrattiva li gie sostnuta mill-minuri meta tkellmu direttament maghha, kif ukoll harget b’konsistenza mal-professjonisti u cjoe mal-psikologa u mal-psikjatri li tkellmu mal-minuri, minkejja t-trapass taz-zmien. Din il-Qorti ghandha fiducja fl-esperjenza, fix-xjenza u fl-gharfien ta’ dawn il-professjonisti illi fix-xhieda u l-kontroezami taghhom ikkonfermaw illi l-minuri soffrew *Post Traumatic Stress Disorder*(PTSD), dippressjoni u ansjeta’ liema stati u emozzjonijiet gew ikkawzati direttament bl-agir u l-imgieba tal-missier. Bl-istess mod, kiem il-psikjatra Dr Peter Muscat kif ukoll il-psikologa Dr Carly Aquilina, it-tnejn indikaw b’mod skjett illi dan mhux kaz ta’ *parental alienation* u din il-Qorti takkolji il-konkluzjonijiet taghhom stante li l-istess konkluzjonijiet gew spjegati u sostanzjati minn dawn il-professjonisti. Inoltre, minkejja li ma xehedux direttament fuq il-kwistjoni tal-*parental alienation,* anke l-psikjatri Dr Beppe Micallef Trigona u Dr Jean Pierre Giorgio kkonfermaw illi huma tkellmu direttament mal-minuri u l-minuri wrew ruhhom bhala konvinti mill-pozizzjoni taghhom li ma jridux jiltaqghu ma’ missierhom, u l-psikjatra kien tal-fehma li kuntatt mal-missier ser jhalli effett nocif fuq il-minuri, tant hu hekk illi kienet ir-rakkomandazzjoni taghhom illi l-minuri m’ghandhomx jigu sfurzati jiltaqghu ma’ missierhom.

Din il-Qorti tqis ill illum-il gurnata l-wild il-kbir tal-partijiet huwa maggorenni u minkejja li qed jghix ghal rasu, ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi forma ta’ avvicinament mal-missier. Dan certament ma jsahhahx it-tezi tal-intimat dwar il-parental alienation. It-tieni wild, KC, ukoll ilum-il gurnata hija adulta u ghalhekk m’ghadiex suggetta ghall-awtorita’ tal-genituri taghha. Din il-Qorti ghalhekk tista’ biss tghaddi gudizzju fil-konfront tal-minuri Fli ghandha hmistax jekk mhux sittax-il sena[4]. Ghalhekk ghalkemm strettament FC ghadha minuri madanakollu hija f’eta’ li tifhem sew ir-realta’ taghha u taf tesprimi ruhha sew. Ghalhekk din il-Qorti aktar u aktar thoss li ghandha tirrispetta x-xewqat u l-opinjoni taghha. Din il-Qorti tistieden lill-intimat sabiex, anke fl-ugigh tieghu bhala missier, jaccetta li din hi d-decizjoni li hadu uliedu u li kemm-il darba verament ihobbhom, ghandu jaccetta u jirrispetta d-decizjoni taghhom.

[4] Ma giex pprezentat certifikat tat-twelid tal-minuri u lanqas hija mnizzla d-datat tat-twelid taghha fil-kuntratt ta’ separazzjoni.

Il-Qorti taghmel accern ghal diversi okkazzjonijiet fejn ippruvat tipperswadi lill-missier ikollu access ghat-tfal tieghu permezz ta' supervizjoni fi hdan Agenzija Appogg u dana sa mill-bidu tal proceduri, liema access taht supervizjoni gie repetutament irrifjutat mill-missier. Il-Qorti tqis illi dan l-access taht supervizjoni seta' kien mezz utli biex isehh reavvicinament bejn FC u KC u l-missier fil-mori ta dawn il-proceduri -izda l-intimat baqa jsostni u jichad din il-forma ta' kuntatt ma' uliedu.

F'cirkostanzi simili, il-gurisprudenza nostrana kienet dejjem konsistenti u cara kristall u cjoe li din il-Qorti ghandha thares lejn l-interess suprem tal-ulied. Fil-kaz odjern, din il-Qorti ghandha quddiemha x-xhieda konsonanti tal-professjonisti li segwew lill-minuri illi jghidu li l-minuri sejrin ahjar kemm ilu li waqaf l-access mal-missier tant li qed jiffukaw aktar fuq l-iskola u l-ezamijiet taghhom. Ghandha quddiemha xhieda ta' professjonisti li f'dan il-perjodu il-minuri ghamlu progress sostanzjali kif ukoll xhieda ta' psikjatra li qal car illi meta kien hemm kuntatt mal-missier id-dipressjoni fil-wild li kienet marret ghall-aghar (fol. 45). Il-Qorti ghandha wkoll xhieda illi anke semplicement messagg minghand il-missier wassal sabiex il-minuri jkollha reazzjoni drammatika (fol. 58). Il-Qorti semghet kif it-tfal kienu qieghdin jevitaw postijiet li jfakkruhom f'missierhom kif ukoll illi wahda mill-minuri sahansitra cemplet lill-attrici biex tmur ghaliha l-iskola ghaliex kien hemm il-possibilita' li tiltaqa' ma' missierha li kien jinsab fizikament fl-istess skola. Dawn huma episodji pjuttost partikolari li juru kemm l-emozzjonijiet gejjin direttament mill-minuri u mhux b'rizultat ta' *priming* da parti tal-omm. Din il-Qorti tippreciza illi hija mhux biss qaghdet fuq ix-xhieda u il-fehma tal-psikjatri ta' ulied il-kontendenti izda innominat lill-psikologa tat-tfal Dr Carly Aquilina ghall-opinjoni professjonali taghha fuq l-istess tfal. Illi wara li l-Qorti semghat ix-xhieda tal-psikjatri Dr Giorgo u Dr Beppe Micallef Trigona u l-psikologa Dr Aquilina, fi sforz kull possibilita ta' riavccinament bejn it-tfal u l-missier jigi esplorat b'mod komprensiv, innominat lil Dr Peter Muscat Psikjatra tat-tfal[5] ghall-opinjoni professjonali tieghu. Ir-Rapport komprensiv tieghu, kif ukoll il-kontro ezami estensiv tieghu ma jhallu ebda dubju f'din il-Qorti illi kuntatt jew access tal-missier ghal bintu z-zghira tkun ta' hsara konsiderevoli ghaliha.

[5] Li kien il-Psikjatra li waqqaf l-ewwel Child Guidance Clinic f' Malta.

Ghalhekk, fid-dawl ta dan kollu rilevat, u fl-ahjar interess tal-minuri , din il-Qorti wara li qieset kull xhieda u dokument intavolat, tqis li l-ewwel talba tal-attrici ghandha tigi milquha ghal dak li jirrigwardja l-minuri Fwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba fir-rigward ta KC li illum maggorenni. Ghalhekk tordna illi l-missier ma jkollux aktar kuntatt mal-minuri FC. Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt illi l-intimat kien jigi fdat bil-kura ta' minuri li kienu jinsabu taht il-kura tal-Istat u li biex dan setgha jsir, sar assessjar tal-partijiet u l-ambjent tad-dar. Madanakollu, dan il-fatt bl-ebda mod ma jxejjen id-diffikultajiet li skontraw il-minuri u li gew iccertifikati li baghtew minn *post-traumatic stress disorder* u dippressjoni. Di piu' l-Qorti tqis illi l-professjoni tal-intimat bl-ebda mod ma xxejjen il-veracita' tad-dikjarazzjonijiet tal-minuri.

Fl-ahharnett, din il-Qorti taghmel referenza ghat-talba u ghad-dikjarazzjonijiet li n-nanniet paterni wkoll jixtiequ li jergghu jkelmu u jaraw lin-neputijiet taghhom. Din il-Qorti taghder lin-nanniet illi intortament spiccaw minghajr ebda kuntatt man-neputijiet u tifhem kemm din hija weggha ghalihom. Madanakollu, tapprezza l-opinjoni tal-psikologa illi kemm-il darba jigi ordnat kuntatt, ser tinholoq sitwazzjoni aktar komplessa ghall-minuri illi tiltaqa' mal-genituri ta' missierha u mhux ma' missierha. *Di piu'* din il-Qorti tfakkar illi strettament il-Qorti hija marbuta mat-talbiet indikati fir-rikors guramentat u ghalhekk ma tistax taghti provvedimenti dwar talbiet imresqa minn xhieda jew l-intimat fix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, tilqa' limitatament t-talbiet tal-attrici u;

1) Tissospendi u twaqqaf ghal kollox l-access tal-konvenut ghal minuri FC u dan *ai termini* tal-Artikolu 47 tal-Kap. 16 waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba fil-konfront ta' KC li illum hija maggorenni;

2) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba ghall-Hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni a favur il-minuri msemmija *ai termini* tal-Artikolu 39 tal-Kap. 16 stante li dan huwa provvediment li jista jinghata biss pendente lite u mhux f'sentenza finali.

Spejjez tal-proceduri jkunu a karigu tal-konvenut.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**